Nru./No. 21,257
Prezz/Price
€7.20

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 6 ta' Ġunju, 2024
Thursday, 6th June, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 13,613 - 13,616
Government Notices ..... *13,613 - 13,616*

Avviżi tal-Pulizija ..... 13,616 - 13,624
Police Notices ..... *13,616 - 13,624*

Avviżi lill-Baħħara 13,624
Notices to Mariners *13,624*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 13,625 - 13,740
Employment Opportunities ..... *13,625 - 13,740*

Avviżi tal-Gvern ..... 13,740 - 13,755
Notices ..... *13,740 - 13,755*

Offerti ..... 13,755 - 13,760
Tenders ..... *13,755 - 13,760*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,760 - 13,768
Court Notices ..... *13,760 - 13,768*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 677

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Bord tal-Appelli – Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ)

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd, illi bis-saħħa tal-artikoli 7 u 9(2) tal-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ) Kap. 383, il-Ministru għall-Finanzi ħatar il-Bord tal-Appelli kif ġej:

Chairman
Dott. Noel Camilleri, Dip. Bus. Law and Acc., BA, LP, LLD, Dip. Tax

Membri
Is-Sur Chris Grima, LMLCC
Is-Sur George M. Mangion, FCCA, CPA, MA (Financial Services)

Segretarju
Is-Sur Horace Laudi

Dawn il-ħatriet huma validi għal perijodu ta' tliet (3) snin b'seħħ mil-31 ta' Mejju, 2024.

It-3 ta' Ġunju, 2024

Nru. 678

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318)

Ħatra ta' membri fuq il-Panel Multidixxiplinarju

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija lilu bl-artikolu 106 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318), il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal għoġbu jaħtar lill-persuni li jidhru hawn taħt biex ikunu membri tal-Panel Multidixxiplinarju għall-finijiet speċifikati tal-imsemmi Att.

Occupational Therapist
Is-Sa Sharon Cutajar

Psikologa
Is-Sa Cher Vella Laurenti Engerer

Psikologa
Dott. Josette Barbara Cardona

GOVERNMENT NOTICES

No. 677

MINISTRY FOR FINANCE

Controlled Companies (Procedure for Liquidation) – Board of Appeals

IT is hereby notified for general information that, in exercise of the powers conferred by articles 7 and 9(2) of the Controlled Companies (Procedure for Liquidation) Act, Cap. 383, the Minister for Finance has appointed the Appeals Board as follows:

Chairman
Dr Noel Camilleri, Dip. Bus. Law and Acc., BA, LP, LLD, Dip. Tax

Members
Mr Chris Grima, LMLCC
Mr George M. Mangion, FCCA, CPA, MA (Financial Services)

Secretary
Mr Horace Laudi

These appointments are valid for a period of three (3) years with effect from 31st May, 2024.

3rd June, 2024

No. 678

SOCIAL SECURITY ACT (CAP. 318)

Appointment of members on the Multi-disciplinary Panel

IN exercise of the powers vested in him by section 106 of the Social Security Act (Cap. 318), the Minister for Social Policy and Children's Rights is pleased to appoint the persons shown hereunder to be members of the Multi-disciplinary Panel for the purposes of the said Act.

Occupational Therapist
Ms Sharon Cutajar

Psychologist
Ms Cher Vella Laurenti Engerer

Psychologist
Dr Josette Barbara Cardona

Psikjatra
Dott. Ethel Felice

Psikjatra
Dott. John Mifsud

Ħaddiema Soċjali
Is-Sa Alexia Vella

Ħaddiema Soċjali
Is-Sa Ariana Attard

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' sena b'seħħ mit-30 ta' Mejju, 2024.

Is-6 ta' Ġunju, 2024

Psychiatrist
Dr Ethel Felice

Psychiatrist
Dr John Mifsud

Social Worker
Ms Alexia Vella

Social Worker
Ms Ariana Attard

These appointments are for a period of one year with effect from 30th May, 2024.

6th June, 2024

Nru. 679

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Daniela Chetcuti bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Mary Grech Pace u dan għall-perjodu bejn is-6 ta' Ġunju, 2024 u d-9 ta' Ġunju, 2024.

Illum it-Tnejn, 3 ta' Ġunju, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni Tal-Atti Nutarili

No. 679

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Daniela Chetcuti to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Mary Grech Pace for the period between the 6th June, 2024 and the 9th June, 2024.

Today Monday, 3rd June, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 680

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

Avukati
Durović, Dott. Luka
Spiteri, Dott. Veronica-Anne

No. 680

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Advocates
Durović, Dr Luka
Spiteri, Dr Veronica-Anne

Prokuraturi Legali
Muscat, is-Sur Mark Anthony

B'Awtorità
JONATHAN ATTARD
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Is-6 ta' Ġunju, 2024
MFJG 21/2020/III
MJEG 21/2021/7

Nru. 681

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali Pembroke

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skont is-Seba' Skeda tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Raymond Lanzon aċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku għal-lokalità ta' Pembroke fit-30 ta' Mejju, 2024.

Is-6 ta' Ġunju, 2024

Nru. 682

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

BILLI b'żewġ Dikjarazzjonijiet tal-President ta' Malta datati s-7 ta' Ottubru, 1988, u s-26 ta' Awwissu, 2013, taħt in-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nri. 672 u 783, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-biċċa art hawn taħt imsemmija kienet meħtieġa mill-Gvern kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi bi żvista l-arja ta' din il-proprjetà ġiet inkluża, qiegħda ssir din il-korrezzjoni sabiex titħalla barra l-arja ta' din il-proprjetà.

Is-6 ta' Ġunju, 2024
(File No. L/1304/1987

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'San Pawl il-Baħar:

Biċċa art mingħajr l-arja tagħha tal-kejl ta' 52 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Thomas Fenech u mix-Xlokk ma' triq pubblika jew irjieħ verjuri.

Legal Procurators
Muscat, Mr Mark Anthony

By Authority
JONATHAN ATTARD
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

6th June, 2024

No. 681

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

Acceptance of Position of Deputy Mayor of Pembroke Local Council

IT is hereby notified for general information that in terms of the Seventh Schedule of the Local Councils Act, Raymond Lanzon has accepted the position of Deputy Mayor for the locality of Pembroke on the 30th of May, 2024.

6th June, 2024

No. 682

AQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by two Declarations of the President of Malta dated 7th October, 1988, and 26th August, 2013, under Government Notices Nos. 672 and 783, the President of Malta had declared that the undermentioned plot of land was required by the competent Government for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88), and whereas the airspace of this property was inadvertently included, the following correction is being made so that the airspace of this property is left out.

6th June, 2024

Description of the Land

The following land in Saint Paul's Bay:

A plot of land without its airspace measuring 52 square metres, bounded on the northeast and southwest by property of Thomas Fenech and on the southeast by a public road or more precise boundaries.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. Nru. 93_88_A_1, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Il-31 ta' Mejju, 2024

The abovementioned land is shown marked with the colour red on plan P.D. Nru. 93_88_A_1, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

31st May, 2024

Nru. 683

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIEN hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-6 ta' Ġunju, 2024
(File No. A/4001/1997)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħal Għaxaq:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1658 metru kwadru, li tmiss min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa, mit-Tramuntana ma' triq pubblika u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Uffiċċju Konġunt jew irjieħ verjuri u hija reġistrata fir-rekords tal-Awtorità Tenement numru J49053.

L-art hawn fuq imsemmija fi Triq Tal-Barrani qiegħda tiġi terminata b'konnessjoni ma' twessigħ ta' triq.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur ikħal fuq il-pjanta P.D. 2021_0143_1, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Il-31 ta' Mejju, 2024

No. 683

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that the under-mentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta.

6th June, 2024

Description of the Land

The following land at Ħal Għaxaq:

A plot of land measuring about 1658 square metres, bounded on the south by property of unknown owners, on the north by a public road and on the east by property of the Joint Office or more precise boundaries and is registered on Authority records as Tenement number J49053.

The abovementioned land in Triq Tal-Barrani, is being terminated in connection with widening of a road.

The abovementioned land is shown marked with the colour blue on plan P.D. 2021_0143_1, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

31st May, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 131

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

POLICE NOTICE

No. 131

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Ħal Lija

Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Ġunju, 2024, mis-6.30 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq il-Kbira, Triq Annibale Preca, Triq Sant'Andrija, Triq Mikelanġ Borg, Triq Mario Agius, Triq Robert Mifsud Bonnici u Triq it-Trasfigurazzjoni.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Birkirkara

Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Ġunju, 2024, mis-6.30 p.m. sat-8.15 p.m., minn Triq il-Knisja l-Qadima, Triq Tumas Dingli, Triq Vittorio Cassar u Triq il-Ferrovija l-Qadima.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-6 ta' Ġunju, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 132

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Paola

Kull moviment ta' traffiku (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, il-ġurnata kollha, mill-pakreġġ tal-MCAST, Triq il-Baċir il-Ġdid, Triq Kordin, Triq Ġużè D'Amato, Triq Cardiff, Triq il-Moll tax-Shipwrights, Triq it-Tempji Neolitiċi u Triq is-Sorijiet.

Transport pubbliku mhux se jiġi affetwat.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq Frans Sammut u Triq Sciortrino;

Nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ġunju, 2024, mis-6.00 p.m. sal-10.00 p.m., minn Triq il-Parroċċa, Triq Ebona, Triq Tad-Dawl, Triq San Ġużepp, Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Kbira u Misraħ San Filippu.

Ħal Lija

On Friday, 7th June, 2024, from 6.30 p.m. till 8.00 p.m., through Triq il-Kbira, Triq Annibale Preca, Triq Sant'Andrija, Triq Mikelanġ Borg, Triq Mario Agius, Triq Robert Mifsud Bonnici and Triq it-Trasfigurazzjoni.

Public transport will not be affected.

Birkirkara

On Friday, 7th June, 2024, from 6.30 p.m. till 8.15 p.m., through Triq il-Knisja l-Qadima, Triq Tumas Dingli, Triq Vittorio Cassar and Triq il-Ferrovija l-Qadima.

Public transport will not be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

6th June, 2024

POLICE NOTICE

No. 132

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Paola

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Saturday, 8th June, 2024, all day, through the MCAST parking area, Triq il-Baċir il-Ġdid, Triq Kordin, Triq Ġużè D'Amato, Triq Cardiff, Triq il-Moll tax-Shipwrights, Triq it-Tempji Neolitiċi and Triq is-Sorijiet.

Public transport will not be affected.

Ħaż-Żebbuġ

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq Frans Sammut and Triq Sciortrino;

On Friday, 14th June, 2024, from 6.00 p.m. till 10.00 p.m., through Triq il-Parroċċa, Triq Ebona, Triq Tad-Dawl, Triq San Ġużepp, Triq Sidtna tal-Anġli, Triq il-Kbira and Misraħ San Filippu.

Fgura

Kull moviment ta' traffiku (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, il-ġurnata kollha, minn Misraħ Reggie Miller, Triq il-Kitba, Triq Anġlu u Marianna Camilleri, Triq is-Sur u Triq il-Karmnu.

Transport pubbliku mhux se jiġi affetwat.

Ħal Tarxien

Kull moviment ta' traffiku (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, il-ġurnata kollha, minn Misraħ Agatha Barbara, Triq Santa Monika, Triq Kelinu Cachia, Triq Moira Mintoff, Triq is-Sorijiet u Triq San Ġużepp.

Transport pubbliku mhux se jiġi affetwat.

Ħal Luqa

Kull moviment ta' traffiku (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, il-ġurnata kollha, minn Triq Sant'Andrija, Triq Sir Ugo Mifsud u Triq l-Iskola.

Transport pubbliku mhux se jiġi affetwat.

Santa Luċija

Kull moviment ta' traffiku (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, il-ġurnata kollha, minn Triq il-Fortizza, Triq il-Kaħwiela u Triq De Hosa.

Transport pubbliku mhux se jiġi affetwat.

Ħal Qormi

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl mill- parti ta' isfel ta' Triq l-Iskola, Pjazza Federico Meample, Pjazza Narbona u Misraħ il-Granmastru.

Is-Siġġiewi

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq l-Iskola u parti minn Triq it-Tabib Nikol Zammit.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-6 ta' Ġunju, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 133

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq

Fgura

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Saturday, 8th June, 2024, all day, through Misraħ Reggie Miller, Triq il-Kitba, Triq Anġlu u Marianna Camilleri, Triq is-Sur and Triq il-Karmnu.

Public transport will not be affected.

Ħal Tarxien

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Saturday, 8th June, 2024, all day, through Misraħ Agatha Barbara, Triq Santa Monika, Triq Kelinu Cachia, Triq Moira Mintoff, Triq is-Sorijiet and Triq San Ġużepp.

Public transport will not be affected.

Ħal Luqa

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Saturday, 8th June, 2024, all day, through Triq Sant'Andrija, Triq Sir Ugo Mifsud and Triq l-Iskola.

Public transport will not be affected.

Santa Luċija

All traffic movement (transit or parking) is prohibited on Saturday, 8th June, 2024, all day, through Triq il-Fortizza, Triq il-Kaħwiela and Triq De Hosa.

Public transport will not be affected.

Ħal Qormi

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through lower part of Triq l-Iskola, Pjazza Federico Meample, Pjazza Narbona and Misraħ il-Granmastru.

Siġġiewi

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq l-Iskola and part of Triq it-Tabib Nikol Zammit.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

6th June, 2024

POLICE NOTICE

No. 133

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation

hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 p.m. sad-8.45 p.m., minn Pjazza Sant'Elena, Triq Sant'Elena, Triq Santu Rokku, Triq il-Wied u Triq il-Kbira.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Ir-Rabat, Għawdex

Nhar il-Ħamis, 6 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u Triq Tal-Ibraġ;

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq Vajringa, Triq Sir Arturo Mercieca u Triq l-Iskola.

Għajnsielem

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq J. F. De Chambray u Triq Dun Ġużepp Galea Rapa.

Il-Qala

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq l-Isqof M. Buttigieg, Triq San Franġisk u Triq ir-Rebħa

In-Nadur

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq it-Tiġrija, Triq Franġisk Saver Sciortino u Triq it-Tramuntana.

Ix-Xagħra

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq it-Tiġrija, Triq G. Diacono u Triq Dun Ġorġ Preca

Marsalforn

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq ir-Rabat.

65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Birkirkara

On Friday, 7th June, 2024, from 5.00 p.m. till 8.45 p.m., through Pjazza Sant'Elena, Triq Sant'Elena, Triq Santu Rokku, Triq il-Wied and Triq il-Kbira.

Public transport will not be affected.

Victoria, Gozo

On Thursday, 6th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through the Gozo General Hospital and Triq Tal-Ibraġ;

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq Vajringa, Triq Sir Arturo Mercieca and Triq l-Iskola.

Għajnsielem

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq J. F. De Chambray and Triq Dun Ġużepp Galea Rapa.

Qala

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq l-Isqof M. Buttigieg, Triq San Franġisk and Triq ir-Rebħa.

Nadur

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq it-Tiġrija, Triq Franġisk Saver Sciortino and Triq it-Tramuntana.

Xagħra

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq it-Tiġrija, Triq G. Diacono and Triq Dun Ġorġ Preca.

Marsalforn

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq ir-Rabat.

Iż-Żebbuġ, Għawdex

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq Sant'Indrija, Triq iċ-Ċnus u Triq Mons. G. Depiro.

L-Għasri

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Knisja.

L-Għarb

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Viżitazzjoni, Triq l-Arċipriet Ġamri Camilleri, Triq il-Kanonku Franġisk Magrin u Triq Tumas Cassar.

San Lawrenz

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq id-Duluri.

Santa Luċija, Għawdex

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq Santa Luċija, Triq Bir Rix u Pjazza Santa Luċija.

Ta' Kerċem

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq is-Sarg, Triq Wenzu Mintoff u Triq Ġużeppi Briffa.

Il-Fontana

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq Tal-Mulejja, Triq Tal-Għajn.

Il-Munxar

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Madonna tal-Karmnu, Triq il-Prof. Ġużè Aquilina u Triq Ta' Marziena.

Ta' Sannat

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq Ta' Sannat, Triq ix-Xewkija u Triq Ta' Marziena (il-Munxar).

Ix-Xewkija

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Ħamrija u Triq Widnet il-Baħar.

Żebbuġ, Gozo

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq Sant'Indrija, Triq iċ-Ċnus and Triq Mons. G. Depiro.

Għasri

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq il-Knisja.

Għarb

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq il-Viżitazzjoni, Triq l-Arċipriet Ġamri Camilleri, Triq il-Kanonku Franġisk Magrin and Triq Tumas Cassar.

San Lawrenz

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq id-Duluri.

Santa Luċija, Gozo

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq Santa Luċija, Triq Bir Rix and Pjazza Santa Luċija.

Ta' Kerċem

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq is-Sarg, Triq Wenzu Mintoff and Triq Ġużeppi Briffa.

Fontana

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq Tal-Mulejja and Triq Tal-Għajn.

Munxar

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq il-Madonna tal-Karmnu, Triq Il-Prof. Ġużè Aquilina and Triq Ta' Marziena.

Ta' Sannat

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq Ta' Sannat, Triq ix-Xewkija and Triq Ta' Marziena (Munxar).

Xewkija

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Triq il-Ħamrija and Triq Widnet il-Baħar.

Il-Marsa

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sal-11.59 p.m., għeluq ta' toroq 50 metru mill-entratura tal-post tal-votazzjoni minn Triq Balbi u Triq il-Qaddiefa.

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat. Hemm bżonn clearance.

Santa Venera

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sal-11.59 p.m., għeluq ta' toroq 50 metru mill-entratura tal-post tal-votazzjoni minn Santa Venera Youth Club, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq it-Turretta, Trejqet Fleur-De-Lys u Triq l-Istampaturi.

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat. Hemm bżonn clearance.

Il-Ħamrun

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sal-11.59 p.m., għeluq ta' toroq 50 metru mill-entratura tal-post tal-votazzjoni minn Ħamrun Primary, Triq l-Iskola, Triq Maitland, Triq il-Ferrovija, Triq is-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar, Ħamrun Liceo, Triq il-Liċeo, Triq Wenzu Mallia, Triq il-Kappillan Valletta, Triq Mons De Piro, Triq Ġużé Pace, Triq Barth, Triq Gafà u Triq Ġużé Abela Scolaro,

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat. Hemm bżonn clearance;

Mis-Sibt, 29 ta' Ġunju, 2024, sas-Sibt, 13 ta' Lulju, 2024, ħadd ma jista' jipparkja jew jgħaddi minn fi Pjazza Kapillan Muscat. Hemm bżonn clearance,

Karozzi jitħallew jipparkjaw u jgħaddu fil-ħinijiet fejn m'hemmx attivitajiet;

Nhar il-Ħamis, 27 ta' Ġunju, 2024, mit-3.30 p.m. sat-8.30 p.m., għeluq ta' Triq il-Franġiskani. Hemm bżonn clearance. Rużarju u quddiesa fi Triq il-Franġiskani mis-6.30 p.m. sat-8.30 p.m. Triq il-Franġiskani trid tkun magħluqa fl-4.30 p.m. minn mal-kantuniera fi Triq Lord Byron. Clearance jibda fit-3.30 p.m.;

Nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 p.m. sal-10.30 p.m., Triq Manuel Magri trid tkun magħluqa mis-6.30 p.m. Clearance minn quddiem id-dar parrokkjali għall-ewwel tliet karozzi jibda fil-5.00 p.m.;

Nhar it-Tnejn, l-1 ta' Lulju, 2024, mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m., parata tal-iscouts tibda mill-kwartieri tal-iscouts fi Triq il-Ferrovija, titla' għal Triq Indrì Cilia, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Manuel Magri sal-knisja parrokkjali, Triq Villambrosa,

Marsa

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till 11.59 p.m., closure of streets within 50 meters of voting entrance, through Triq Balbi and Triq il-Qaddiefa.

Closure of streets and public transport will be affected. Clearance needed.

Santa Venera

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till 11.59 p.m., closure of streets within 50 meters of voting entrance, through Santa Venera Youth Club, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq it-Turretta, Trejqet Fleur-De-Lys and Triq l-Istampaturi.

Closure of streets and public transport will be affected. Clearance needed.

Ħamrun

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till 11.59 p.m., closure of streets within 50 meters of voting entrance, through Ħamrun Primary, Triq l-Iskola, Triq Maitland, Triq il-Ferrovija, Triq is-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar, Ħamrun Liceo,Triq il-Liċeo, Triq Wenzu Mallia, Triq il-Kappillan Valletta, Triq Mons De Piro, Triq Ġużé Pace, Triq Barth, Triq Gafà and Triq Ġużé Abela Scolaro,

Closure of streets and public transport will be affected. Clearance needed;

From Saturday, 29th June, 2024, till Saturday, 13th July, 2024, no parking is allowed and no trespassing through Pjazza Kapillan Muscat. Clearance is needed,

Cars can be parked and pass during the times when there are no activities;

On Thursday, 27th June, 2024, from 3.30 p.m. till 8.30 p.m, Triq il-Franġiskani will be closed. Clearance is needed. Rosary and mass in Triq il-Franġiskani from 6.30 p.m. till 8.30 p.m. Triq il-Franġiskani has to be closed at 4.30 p.m. through corner with Triq Lord Byron. Clearance starts at 3.30 p.m.;

On Friday, 28th June, 2024, from 5.00 p.m. till 10.30 p.m., Triq Manuel Magri must be closed from 6.30 p.m. Clearance from in front of the parish house to the first three cars starts at 5.00 p.m.;

On Monday, 1st July, 2024, from 6.00 p.m. till 8.00 p.m., scouts parade from the scouts quarters in Triq il-Ferrovija towards Triq Indrì Cilia, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Manuel Magri till the parish church, Triq Villambrosa, Triq id-Duluri,

Triq id-Duluri, Triq Maitland u lura fi Triq il-Ferrovija sal-kwartieri tal-Ħamrun Scouts;

Nhar l-Erbgħa, 3 ta' Lulju, 2024, mill-4.00 p.m. sas-1.00 a.m., marċ li jibda mit-8.00 p.m. sad-9.00 p.m. minn Pjazza Kapillan Muscat u jgħaddi minn Triq il-Kappillan Mifsud, Triq il-Kappillan Valletta, Triq il-Liċeo, Triq Roger Debattista, Triq it-Tramm, Triq il-Kappillan Mifsud, Triq Oscar Zammit, Triq Roger Debattista, Triq Villambrosa u Triq il-Kappillan Mifsud sa quddiem il-każin. Kunċert jibda mid-9.00 p.m. sal-11.00 p.m. Triq Manuel Magri trid tkun magħluqa mis-6.30 p.m. sad-9.00 p.m. minn quddiem id-dar parrokkjali u clearance għall-ewwel tliet karozzi jibda fl-4.00 p.m. Triq il-Kapillan Mifsud trid tkun magħluqa fis-7.30 p.m. sa nofsilejl u trid issir ukoll devjazzjoni tas-servizz tat-trasport pubbliku. Ħadd ma jista' jgħaddi;

Nhar il-Ħamis, 4 ta' Lulju, 2024, mis-7.30 p.m. sa nofsillejl, marċ jibda fit-8.00 p.m. minn Triq Manwel Magri, Triq Ġużè Pace, Triq Pace Forno, Triq Vincenzo Bugeja, Triq Barth, Triq Lord Byron, Triq Adelaide Cini u Triq il-Kanonku Bonnici sal-Pjazza, fejn kunċert se jibda mid-9.00 p.m. sal-11.00 p.m.;

Nhar il-Ħamis, 4 ta' Lulju, 2024, mit-8.00 p.m., sas-1.00 a.m. tal-Ġimgħa, 5 ta' Lulju, 2024, Triq il-Kapillan Mifsud trid tkun maghluqa u trid issir ukoll devjazzjoni tas-servizz tat-trasport pubbliku. Ħadd ma jista' jgħaddi;

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Lulju, 2024, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl, hemm bżonn clearance - kunċert fi Triq il-Kappillan Mifsud mit-8.30 p.m. sal-11.30 p.m., Triq il-Kapillan Mifsud trid tkun magħluqa mill-4.00 p.m. sa nofsilejl u trid issir ukoll devjazzjoni tas-servizz tat-trasport publiku. Ħadd ma jista' jgħaddi;

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Lulju, 2024, mill-5.30 p.m., sas-2.00 a.m. tas-Sibt, 6 ta' Lulju, 2024, Triq Wenzu Mallia/Qrejten il-parti li tmiss ma' Pjazza Kapillan Muscat u Triq il-Fatati (clearance ta' parkeġġ fi Triq Qrejten);

Nhar is-Sibt, 6 ta' Lulju, 2024, mill-5.00 p.m. sas-2.00 a.m., translazzjoni tibda fis-5.45 p.m. mill-knisja parrokkjali, Triq Manuel Magri, Triq il-Kunċizzjoni sal-Katekumenju u ddur għal Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Fatati, Pjazza Kapillan Muscat u Triq il-Kapillan Mifsud sal-knisja. Marċ jibda fit-8.00 p.m. li jgħaddi minn Triq Mimosa (kantuniera ma' Triq l-Isptar), Triq id-Duluri, Triq Nuzzo, Triq Alexander, Triq Joe Sciberras, Triq Mimosa, Triq Danny Cremona, Triq l-Ursolini, Triq l-Isptar, Triq Qrejten, Triq Wenzu Mallia, Triq il-Kappillan Valletta, Triq il-Kappillan Mifsud, Pjazza Kappillan Muscat u jispiċċa fil-11.00 p.m. Logħob tan-nar tal-art jibda fil-11.00 p.m. fi Triq Qrejten kantuniera ma' Triq Wenzu Mallia u Pjazza Kapillan Muscat u jispiċċa f'nofsillejl. Triq Manuel Magri u Triq il-Kapillan Mifsud jridu jkunu magħluqa mis-6.30 p.m. sa nofsillejl. Trid issir ukoll devjazzjoni tas-servizz tat-trasport publiku. Ħadd ma jista' jgħaddi;

Triq Maitland and back to Triq il-Ferrovija till the Ħamrun scouts quarters;

On Wednesday, 3rd July, 2024, from 4.00 p.m. till 1.00 a.m., march starts from 8.00 p.m. till 9.00 p.m. through Pjazza Kapillan Muscat and passes to Triq il-Kappillan Mifsud, Triq il-Kappillan Valletta, Triq il-Liċeo, Triq Roger Debattista, Triq it-Tramm, Triq il-Kappillan Mifsud, Triq Oscar Zammit, Triq Roger Debattista, Triq Villambrosa and Triq il-Kappillan Mifsud till in front of the band club. Concert starts from 9.00 p.m. till 11.00 p.m. Triq Manuel Magri has to be closed from 6.30 p.m. till 9.00 p.m. from in front of the parish house and clearance to the first three cars starts at 4.00 p.m. Triq il-Kapillan Mifsud must be closed from 7.30 p.m. till midnight and there should be a public transport service deviation. No trespassing;

On Thursday, 4th July, 2024, from 7.30 p.m. till midnight, march starts at 8.00 p.m. through Triq Manwel Magri, Triq Ġużè Pace, Triq Pace Forno, Triq Vincenzo Bugeja, Triq Barth, Triq Lord Byron, Triq Adelaide Cini and Triq il-Kanonku Bonnici till the square, where a concert will start from 9.00 p.m. till 11.00 p.m.;

On Thursday, 4th July, 2024, from 8.00 p.m., till 1.00 a.m. of Friday, 5th July, 2024, Triq il-Kapillan Mifsud must be closed and there should be a public transport service deviation. No trespassing;

On Friday, 5th July, 2024, from 4.00 p.m. till midnight, clearance needed - concert in Triq il-Kappillan Mifsud from 8.30 p.m. till 11.30 p.m., Triq il-Kapillan Mifsud must be closed from 4.00 p.m. till midnight and there should be a public transport service deviation. No trespassing;

On Friday, 5th July, 2024, from 5.30 p.m., till 2.00 a.m. of Saturday, 6th July, 2024, Triq Wenzu Mallia/Qrejten the part with Pjazza Kapillan Muscat and Triq il-Fatati (parking clearance in Triq Qrejten);

On Saturday, 6th July, 2024, from 5.00 p.m. till 2.00 a.m., translation starts at 5.45 p.m. from the parish church, Triq Manuel Magri, Triq il-Kunċizzjoni till Katekumenju and towards Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Fatati, Pjazza Kapillan Muscat and Triq il-Kapillan Mifsud till the church. March starts at 8.00 p.m. passing through Triq Mimosa (corner with Triq l-Isptar), Triq id-Duluri, Triq Nuzzo, Triq Alexander, Triq Joe Sciberras, Triq Mimosa, Triq Danny Cremona, Triq l-Ursolini, Triq l-Isptar, Triq Qrejten, Triq Wenzu Mallia, Triq il-Kappillan Valletta, Triq il-Kappillan Mifsud, Pjazza Kappillan Muscat and ends at 11.00 p.m. Ground fireworks start at 11.00 p.m. in Triq Qrejten corner with Triq Wenzu Mallia and Pjazza Kapillan Muscat and ends at midnight. Triq Manuel Magri and Triq il-Kapillan Mifsud must be closed from 6.30 p.m. till midnight. There should be a public transport service deviation. No trespassing;

Nhar is-Sibt, 6 ta' Lulju, 2024, mill-5.00 a.m., sas-2.00 a.m. tal-Ħadd, 7 ta' Lulju, 2024, ħadd ma jista' jipparkja jew jgħaddi fi Triq Qrejten (kantuniera ma' Triq Wenzu Mallia u Pjazza Kapillan Muscat);

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Lulju, 2024, mid-9.00 a.m. sal-11.30 p.m., marċ jibda fil-11.00 a.m. li jgħaddi minn Triq il-Kappillan Mifsud minn ħdejn il-każin, Triq Manwel Magri, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Ferrovija, Triq Maitland, Triq id-Duluri, Sqaq Numru 1, Triq id-Duluri, Triq Burlò, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Fatati u Pjazza Kappillan Muscat. Clearance li jrid jibda fid-9.00 a.m. fi Pjazza Kappillan u l-ewwel żewġ karozzi fi Triq il-Kapillan Mifsud. Brass Band quddiem il-Każin fi Pjazza Kapillan Muscat u Triq il-Kapillan Mifsud sas-2.00 p.m. Spettaklu tal-karti li jibda mis-2.00 p.m. sat-3.00 p.m. fi Triq il-Kapillan Mifsud. Purċissjoni u marċ mis-7.00 p.m. li jgħaddi minn dawn it-toroq: Triq Manwel Magri, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Pawlu Burlò, Triq id-Duluri, Triq Indrì Cilia, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Fatati, Pjazza Kappillan Muscat, Triq Ġużè Maria Camilleri, Triq Villambrosa, Triq il-Franġiskani, Triq il-Kappillan Mifsud sal-knisja u jispiċċa fl-10.30 p.m. Clearance ta' karozzi fit-toroq kollha tal-purċissjoni li jibda fl-4.00 p.m. Triq il-Kapillan Mifsud trid tingħalaq minn nofsinhar sat-3.00 p.m. Hemm bżonn devjazzjoni tas-servizz tat-trasport pubbliku. Triq Manuel Magri u Triq il-Kappillan Mifsud iridu jkunu magħluqa mis-6.30 p.m. sa nofsillejl. Trid issir ukoll devjazzjoni tas-servizz tat-trasport pubbliku. Ħadd ma jista' jgħaddi.

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat.

Tal-Pietà

Nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sal-11.59 p.m., għeluq ta' toroq 50 metru mill-entratura tal-post tal-votazzjoni minn Triq Qrajten u Triq J. Borg.

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat. Hemm bżonn clearance.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Lulju, 2024, mill-5.00 p.m sa nofsillejl, minn Misraħ ir-Repubblika, Triq Santa Katarina, Vjal il-Blue Grotto, Triq Dun Ġużepp Zammit, Misraħ Mattia Preti u Triq P. P. Saydon.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Belt Valletta

Mill-Ħamis, 13 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m., sal-Ħadd, 23 ta' Ġunju, 2024, sal-11.00 p.m., mis-Sur ta' Santa Barbara kollu;

Nhar is-Sibt, 22 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn Xatt il-Barrieri minn ħdejn il-Monument tal-Qampiena sa roundabout Ta' Liesse.

On Saturday, 6th July, 2024, from 5.00 a.m., till 2.00 a.m. of Sunday, 7th July, 2024, no parking is allowed and no cars are allowed to pass in Triq Qrejten (corner with Triq Wenzu Mallia and Pjazza Kapillan Muscat);

On Sunday, 7th July, 2024, from 9.00 a.m. till 11.30 p.m., march starts at 11.00 a.m. and passes through Triq il-Kappillan Mifsud from near the band club, Triq Manwel Magri, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Ferrovija, Triq Maitland, Triq id-Duluri, Alley Number 1, Triq id-Duluri, Triq Burlò, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Fatati and Pjazza Kappillan Muscat. Clearance starts at 9.00 a.m. in Pjazza Kappillan and first two parking spaces in Triq il-Kapillan Mifsud. Brass Band in front of the band club in Pjazza Kapillan Muscat and Triq il-Kapillan Mifsud till 2.00 p.m. Konfetti spectacle starts from 2.00 p.m. till 3.00 p.m. in Triq il-Kapillan Mifsud. Procession and march from 7.00 p.m. passing through the following streets: Triq Manwel Magri, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Pawlu Burlò, Triq id-Duluri, Triq Indrì Cilia, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Fatati, Pjazza Kappillan Muscat, Triq Ġużè Maria Camilleri, Triq Villambrosa, Triq il-Franġiskani, Triq il-Kappillan Mifsud till the church and ends at 10.30 p.m. Cars clearance in all the procession streets starts at 4.00 p.m. Triq il-Kapillan Mifsud must be closed from noon till 3.00 p.m. Public transport service deviation is needed. Triq Manuel Magri and Triq il-Kappillan Mifsud must be closed from 6.30 p.m. till midnight. Public transport service deviation is needed. No trespassing.

Closure of streets and public transport will be affected.

Tal-Pietà

On Saturday, 8th June, 2024, from 5.00 a.m. till 11.59 p.m., closure of streets within 50 meters of voting entrance, through Triq Qrajten and Triq J. Borg.

Closure of streets and public transport will be affected. Clearance needed.

Żurrieq

On Friday, 5th July, 2024, from 5.00 p.m till midnight, through Misraħ ir-Repubblika, Triq Santa Katarina, Vjal il-Blue Grotto, Triq Dun Ġużepp Zammit, Misraħ Mattia Preti and Triq P. P. Saydon.

Public transport will also be affected.

Valletta

From Thursday, 13th June, 2024, from 5.00 a.m., till Sunday, 23rd June, 2024, till 11.00 p.m., through all of Santa Barbara Bastions;

On Saturday, 22nd June, 2024, from 5.00 a.m. till midnight, through Xatt il-Barrieri from near the Bell Monument till Ta' Liesse roundabout.

It-trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) jista' jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

Il-Kalkara

Nhar is-Sibt, 13 ta' Lulju, 2024, mit-8.00 a.m. sal-11.00 p.m., mill-Bajja tar-Rinella.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-6 ta' Ġunju, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 50 tal-2024

Xogħlijiet ta' installazzjoni mill-ġdid fuq il-moll ta' Kemmuna fil-Blue Lagoon

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lill-pubbliku ġenerali li se jibdew ix-xogħlijiet ta' installazzjoni mill-ġdid fuq il-moll ta' Kemmuna fil-Blue Lagoon b'seħħ immedjat u se jkomplu sal-Ġimgħa, 21 ta' Ġunju, 2024.

Parti mix-xogħol se jsir minn għaddasa, li se jkunu assistiti minn persunal fuq bastiment ta' appoġġ li se jtajjar il-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A' waqt li jkun qed isir l-għadis. Distanza ta' sigurtà ta' 25 metru mill-moll ta' Kemmuna hija meħtieġa waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet.

Barkun ċatt se jintuża biex jittrasporta l-materjal meħtieġ għal dawn ix-xogħlijiet.

Il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti, jipproċedu b'kawtela, u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jinnavigaw qrib il-moll imsemmi hawn fuq. Huma għandhom jikkoperaw mal-kuntrattur fuq il-post. Il-moll mhux se jkun aċċessibbli waqt li jkun qed isir ix-xogħol.

Huma għandhom ukoll josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS

Charts affettwati: BA 211, 2537

Is-6 ta' Ġunju, 2024

Public transport (Valletta Circular Bus) may be affected.

Closure of roads will be done as needed.

Kalkara

On Saturday, 13th July, 2024, from 8.00 a.m. till 11.00 p.m., through Bajja tar-Rinella.

Public transport will not be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

6th June, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 50 of 2024

Reinstallation works on Comino pier at Blue Lagoon

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and the general public that the reinstallation works on the Comino pier at Blue Lagoon will start with immediate effect and will continue until Friday, 21st June, 2024.

Some of the work will be carried out by divers, and they will be assisted by personnel on a support vessel which will be displaying the International Code of Signals flag 'A' while diving operations are being carried out. A safety distance of 25 meters from the Comino pier is required while works are being carried out.

A flat barge will be used to transport the material required for these works.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, proceed with caution, and at slow speed (no wake) when navigating close to the above-mentioned pier. They are to co-operate with the contractor on site. The pier will not be accessible while the works are in progress.

They are also to comply with any instructions given on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS

Charts affected: BA 211, 2537

6th June, 2024

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Post ta' Konsulent Mediċina tas-Saħħa Pubblika b'interess speċjali fil-Prevenzjoni tal-Mard li ma Jittiħidx fl-Uffiċċju tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Konsulent Mediċina tas-Saħħa Pubblika b'interess speċjali fil-Prevenzjoni tal-Mard li ma Jittiħidx fl-Uffiċċju tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.2 Is-salarju ta' Konsultent huwa ta' Skala ta' Salarju 4, li fis-sena 2024 huwa €40,145.00 fis-sena.

2.3 Persuna fil-ħatra ta' Konsulent tirrapporta direttament lis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika.

2.4 Persuna li tiġi maħtura tkun tista' tagħżel li taħdem fuq bażi ta' Kuntratt A jew Kuntratt B.

2.5 Persuna maħtura tkun intitolata għal tali benefiċċji oħra, u suġġetta għal tali kundizzjonijiet u obbligi oħra li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-union kompetenti.

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Konsulent Mediċina tas-Saħħa Pubblika b'interess speċjali fil-Prevenzjoni tal-Mard li ma Jittiħidx jinkludu li:

i. Ikun parti mid-Dipartiment tar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa u jkun direttament responsabbli lejn is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika;

ii. Jipprovdi għarfien espert, appoġġ u tmexxija lis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika fil-materji kollha li jappartjenu mal-prevenzjoni tal-mard li ma jitteħidx (NCD) skont l-istandards ta' kwalità tal-professjoni medika u tas-saħħa pubblika u dan ikun jinvolvi sessjonijiet regolari ta' kull ġimgħa skont ir-rekwiżiti tal-Kuntratt A jew Kuntratt B filwaqt li sessjonijiet addizzjonali jistgħu jiġu assenjati wkoll lill-persuna magħżula skont id-diskrezzjoni tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika;

MINISTRY FOR HEALTH AND ACTIVE AGEING

Post of Consultant Public Health Medicine with special interest in Non-communicable Disease (NCD) Prevention in the Office of the Superintendent of Public Health in the Ministry for Health and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health and Active Ageing, invites applications for the post of Consultant Public Health Medicine with special interest in Non-communicable Disease (NCD) Prevention in the Office of the Superintendent of Public Health in the Ministry for Health and Active Ageing.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of one (1) year.

2.2 The salary for the post of Consultant is Salary Scale 4, which in the year 2024 is equivalent to, €40,145.00 per annum.

2.3 The Consultant shall report to the Superintendent of Public Health.

2.4 The appointee will be able to choose to work on a Contract A or B basis.

2.5 An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent union.

Duties

3.1 The job duties for the post of consultant Public Health Medicine with special interest in Non-communicable Disease (NCD) Prevention include:

i. Forms part of the Department of Health Regulation and be directly responsible to the Superintendent of Public Health;

ii. Provides expertise, support and leadership to the Superintendence of Health on all matters pertaining to non-communicable disease (NCD) prevention in accordance with quality standards of the medical profession and public health and this will involve regular weekly sessions in accordance with Contract A or Contract B requirements whilst additional extra sessions may also be assigned to the selected applicant at the discretion of the Superintendent of Public Health;

iii. Jiżviluppa, jissorvelja l-implimentazzjoni u jirrevedi politiki, servizzi u leġiżlazzjoni relatati mal-prevenzjoni tal-NCDs fil-komunità Maltija, id-determinanti soċjali u ekonomiċi tagħhom u l-fatturi kawżattivi u l-effett tagħhom fuq is-saħħa u l-mard fil-bniedem;

iv. Jipprovdi pariri dwar l-implikazzjonijiet ta' inizjattivi ta' politika u leġiżlazzjoni marbuta direttament jew indirettament mal-qasam tal-prevenzjoni tal-NCD għas-saħħa pubblika, inkluż pariri dwar konsultazzjonijiet, dokumenti, proposti u inizjattivi minn entitajiet oħra fi ħdan is-saħħa u minn setturi oħra lil hinn mis-saħħa;

v. Jaħdem ma' professjonisti u servizzi oħra fi ħdan il-Ministeru u jżomm kuntatt ma' dipartimenti oħra tal-Gvern responsabbli biex jivvaluta, jippjana, jimplimenta, jagħmel monitoraġġ u jevalwa s-servizzi ta' prevenzjoni tal-NCD u jippromovi l-prevenzjoni tal-NCD bħala komponent essenzjali għall-benesseri tal-individwu, tal-komunità, u tal-popolazzjoni, kif ukoll jipprovdi/jiffaċilita t-taħriġ fil-qasam tal-prevenzjoni tal-NCD lill-imsieħba soċjali kollha;

vi. Jagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva;

vii. Iwettaq kull xogħol ieħor, li s-superjur jista' jiddelega lilu/lilha, kif ikun meħtieġ;

viii. Iwettaq kull dmir ieħor kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' dan il-post jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, li jista' jiġi kkuntattjat ukoll permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.health@gov.mt).

3.2 Persuna appuntata tista' tkun rikjesta twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa f'Malta u fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex skont id-diskrezzjoni tal-amministrazzjoni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

iii. Develops, oversees implementation and reviews policies, services and legislation related to the prevention of NCDs in the Maltese community, their social and economic determinants and causative factors and their effect on human health and disease;

iv. Provides advice on public health implications of policy and legislation initiatives linked directly or indirectly with the field of NCD prevention, including advice on consultations, documents, proposals and initiatives from other entities within health and from other sectors outside health;

v. Works with other professionals and services within the Ministry and liaises with other responsible Government departments to assess, plan, implement, monitor, and evaluate of NCD prevention services; and promote NCD prevention as an essential component of individual, community, and population wellbeing, as well as provide/facilitate training in the field of NCD Prevention to various stakeholders;

vi. Makes use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health and Active Ageing;

vii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

viii. Carries out any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Further details of the job description for the post may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, which may also be contacted through email to (recruitment.health@gov.mt).

3.2 An appointee may be required to perform duties in any of the health care services in Malta and Gozo General Hospital at the discretion of the management.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

